# Beati u Qaddisin....Jannar

1 ta' FRAR

SANTA VERDIANA



Santa Verdiana twieldet gewwa Castelfiorentino fis-sena 1182 u hija ghexet fi zmien San Frangisk minn Assisi, li skont it-tradizzjoni ghamlilha zjara u dahhalha taghmel parti mit-Terz'ordni Frangiskana.

Il-familja taghha kienet wahda nobbli izda minkejja li sofriet telfiet finanzjarji, xorta wahda baqghet tgawdi certa prestigju gewwa Castelfiorentino. Zijuha li kien sinjur riedha tmur mieghu bhala amministratrici. Izda hija qatt ma setghet tifhem ir-responsabilta' ta' dan l-inkarigu billi hsiebha kien biss fit-talb u s-sawm u imhabba lejn il-fqar.

Xi kultant il-Providenza kienet izzurha b'xi hwejjeg straordinarji.  Jirrakuntaw li jum wiehed zijuha akkwista u biegh kwantita' ta' ikel li l-prezz tieghu kien gholi billi waqa' il-guh fil-lokal.  Imma meta x-xerrej mar biex jirtira l-materjal mixtri sab il-post vojt ghaliex fil-frattemp Verdiana qassmet kollox lil fqar.  Wiehed jista' jahseb kemm irrabja zijuha meta ra hekk.  Hija tablet 24 siegha zmien biex tirripara dan u l-ghada fil-mahzen kien hemm l-istess kwantita' ta' ikel li fuqu kien miftiehem in-negozju.

Verdiana ghamlet pellegrinagg lejn Compostella, ghal hdejn il-qabar ta' San Gakbu u mieghu abbinat iehor lejn Ruma.  Meta rritornat lejn Catelfiorentino hija hasset

xewqa kbira li taghmel penitenza u tghix fis-solitudni. Biex tibqa' tghix maghhom, in-nies tal-lokal bnewlha cella fejn hija ghexet ghal 34 sena.

Mit-tieqa hija kienet tassisti ghall-quddiesa u tkellem lil dawn li kienu jaghmluha xi zjara u jgibuhla xi ikel li bih kienet issostni ruhha.

Skont it-tradizzjoni u hekk igibuha l-pitturi, fl-ahhar snin ta' hajjitha dahlulha zewgt isriep fic-cella taghha u kienu jitturmentawha.

Jirrakuntaw li l-mewt taghha sehhet fl-1 ta' Frar 1242 u giet imhabbra ghal gharrieda bid-daqq tal-qniepen tal-knejjes kollha tal-lokal minghajr indhil uman.

Il-kult ta' Santa Verdiana gie approvat minn Klement VII fis-sena 1533 u huwa popolari hafna fit-Toscana.